## RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/019 |
| **Ilment:** | Aċċettazzjoni ta' rigal ta' tliet fliexken inbid (Château Pétrus) ta' valur ta' €5,800 |
| **Ilmentatur:** | Prof. Arnold Cassola |
| **Dati tal-Ilment:** | 27 ta' Diċembru 2019 u 25 ta' Jannar 2020 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 1 ta' Lulju 2020 |

### L-Ilment

1. B'email tas-27 ta' Diċembru 2019 (email annessa u mmarkata Dokument A), il-Prof Arnold Cassola talabni ninvestiga l-aġir tal-Onor Dr Joseph Muscat, li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Prim Ministru ta' Malta, talli allegatament irċieva u aċċetta rigal konsistenti fi tliet fliexken inbid tal-valur ta' €5,800 fi Frar ta' 2019.

2. Din l-email ġiet segwita b'email oħra fis-27 ta' Diċembru 2019. Din kienet tinkludi kopja ta' email li kienet indirizzata lill-President tal-Kummissjoni Kontra l-Inġustizzji (annessi u mmarkati Dokument B).[1]

3. L-allegazzjoni mfissra fl-ilment hi li saret "… donazzjoni ta' 3 fliexken inbid tal-valur ta' 5800 ewro fi Frar ta' 2019, jiġifieri sentejn wara li s-Sur Yorgen Fenech kien ikkummissjona l-assassinju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia u

[1] Jidher fil-fatt li din l-email intbagħtet lill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni. Ara https://timesofmalta.com/articles/view/anti-corruption-watchdog-is-probing-muscats-gifts.762675.

almenu 8 xhur wara li l-Prim Ministru kien jaf li Fenech kien wieħed mis-suspettati".

4. B'email tal-25 ta' Jannar 2020 ġejt mitlub "[n]allarga l-investigazzjoni għar-rigali kollha riċevuti minn Dr Muscat minn Ottubru 2018 'il quddiem, kemm statali kif ukoll dawk privati".

**Deċiżjoni dwar Inammissibilità ta' Parti mill-Ilment**

5. It-talba għall-investigazzjoni tar-*"rigali kollha riċevuti minn Dr Muscat minn Ottubru 2018 'il quddiem, kemm statali kif ukoll dawk privati"* ma tistax titqies bħala ilment li jista' jiġi kunsidrat minni stante li mhux qed jiġi allegat aġir speċifiku li jmur kontra xi provvediment tal-kodiċijiet tal-etika. Din it-talba tista' titfa' dan l-uffiċċju f'*fishing expedition,* oltre l-fatt li dina l-materja skont ma jidher mid-Dokument B u skont ma stqarr pubblikament il-Prof Cassola qed tiġi investigata mill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni u li huwa ta x-xhieda tiegħu quddiemha.[2]

6. Il-Prof Cassola jorbot l-ilment tiegħu mal-akkuża li Yorgen Fenech ikkummissjona l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Is-Sur Fenech huwa persuna kontroversjali anki minħabba allegazzjonijiet li kien implikat f'atti ta' korruzzjoni. Fid-9 ta' Novembru 2018, jiġifieri tliet xhur qabel il-festin, huwa kien ġie identifikat skont rapporti fil-midja li kien is-sid tal-kumpanija 17 Black, li allegatament kellha tgħaddi somom kbar ta' flus lil kumpaniji ta' Keith Schembri, iċ-Chief of Staff tal-Prim Ministru, u tal-Ministru Konrad Mizzi.[3]

7. Mhux il-kompitu tiegħi skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li ninvestiga materji li huma ta' natura kriminali, inkluż allegazzjonijiet dwar

---

[2] https://timesofmalta.com/articles/view/anti-corruption-watchdog-is-probing-muscats-gifts.762675.

[3] https://timesofmalta.com/articles/view/exclusive-17-black-owner-identified-as-local-power-station-businessman.692998.

korruzzjoni. Barra minn dan, l-Att ma jippermettilix li ninvestiga materji li diġà qed jiġu investigati mill-pulizija jew minn inkjesta maġisterjali, jew li għaddejjin proċeduri dwarhom quddiem qorti jew tribunal imwaqqaf bil-liġi. Għal dawn ir-raġunijiet m'għandix nidħol fil-mertu tal-akkużi kriminali u l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni kontra Yorgen Fenech.

8. Skont ma ġie mistqarr mill-Onor Dr Joseph Muscat stess, huwa aġixxa fuq il-parir u bil-konoxxenza tas-servizzi tas-sigurtà meta stieden lis-Sur Fenech għall-festin fejn is-Sur Fenech irregalalu t-tliet fliexken inbid li huma s-suġġett ta' dan l-ilment. Biex nindaga dwar jekk dan hux minnu jew le ikolli nitlob ix-xhieda ta' uffiċjali tas-servizzi tas-sigurtà. Ma nħossx li dan ikun għaqli jew utli fiċ-ċirkostanzi attwali.

9. Wieħed jista' jistaqsi jekk għandix ninvestiga l-ilment, ġaladarba ma nistax nidħol f'dawn l-aspetti. Biss, jekk wieħed jinjora l-akkużi u l-allegazzjonijiet ta' natura kriminali kontra Yorgen Fenech, xorta jibqa' l-fatt li s-Sur Fenech huwa imprenditur ewlieni li għandu relazzjonijiet kummerċjali importanti mal-Gvern, fosthom permezz tal-Electrogas. Dan fih innifsu jqajjem id-domanda jekk prim ministru għandux jistieden persuna bħal din għal festin privat u jaċċetta mingħandu rigali ta' valur relattivament għoli. Din hija purament kwistjoni ta' etika, iżda hija kwistjoni importanti li timmerita investigazzjoni. Dan ir-rapport se jiffoka fuq din il-kwistjoni.

**Il-Bażi Legali tal-Ilment**

10. Fl-ilment tiegħu l-Prof Cassola ma rreferiex għal xi artikolu tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta).

11. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi li jiena nqis rilevanti għall-każ huma:

*"4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali."*

*"4.8 Il-Ministri m'għandhom jaċċettaw ebda rigali jew benefiċċji, salv kif provdut f'dan il-Kodiċi, li jistgħu jew jistgħu raġonevolment joħolqu impressjoni li qed jikkompromettu l-ġudizzju tagħhom jew li jpoġġuhom taħt xi obbligazzjoni mhux xierqa."*

*"5.7 Onestà – il-Ministri għandhom jevitaw li jidħlu f'konflitti ta' interess bejn l-interess pubbliku u dak privat tagħhom u għandhom jagħtu informazzjoni sħiħa u korretta lill-Parlament, lill-Kabinett u lill-pubbliku inġenerali."*

*"5.9 Tmexxija – il-Ministri għandhom iħaddnu u jkunu ispirati minn dawn il-valuri biex b'hekk imexxu bl-eżempju."*

*"8.4 Ebda Ministru m'għandu jaċċetta rigali, donazzjonijiet, ospitalità jew servizzi mingħand xi ħadd, li jistgħu jpoġġuh taħt obbligazzjoni lejn dik il-persuna jew persuni u dan għandu wkoll japplika għall-membri tal-familja immedjata tal-Ministru. F'każ ta' dubju għandu jiġi kkonsultat il-Prim Ministru."*

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

12. Iddeċidejt li l-aġir tal-Onor Dr Joseph Muscat jimmerita investigazzjoni billi potenzjalment jikkostitwixxi *prima facie* ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Etika formanti parti mill-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570).

**Il-Kuntest**

13. Fi Frar 2019, fl-okkażjoni ta' għeluq sninu, l-Onor Dr Joseph Muscat, dak iż-żmien Prim Ministru, organizza festin fir-residenza uffiċjali tiegħu fil-palazz tal-Girgenti. Għal dan il-festin kienu mistiedna numru żgħir ta' ħbieb. Fosthom kien mistieden Yorgen Fenech, li kien is-CEO tal-grupp TUMAS u direttur tal-kumpanija Electrogas li tħaddem *power station*, persuna sinjura u li l-kumpaniji tal-familja tiegħu kellhom diversi relazzjonijiet kummerċjali mal-Gvern.

14. Skont ma ġie rappurtat, f'din l-okkażjoni s-Sur Fenech irregala tliet fliexken inbid tal-marka prestiġjuża "Château Pétrus". Wieħed mill-fliexken kien tas-sena 1974 (is-sena tat-twelid tal-Onor Dr Joseph Muscat innifsu) u t-tnejn l-oħra kienu tas-sena 2007 (is-sena tat-twelid tat-tfal tewmin ta' Dr Muscat), b'valur komplessiv, li kieku inxtraw on-line, ta' kważi €6,000.

15. Dan l-inċident ġie rappurtat estensivament fil-media lokali.[4] Saru wkoll diversi allegazzjonijiet dwar rigali oħra li ngħataw minn Yorgen Fenech lill-Onor Dr Joseph Muscat, fosthom arloġġ tad-ditta Bulgari ta' valur ta' €20,000 circa, li fil-fatt jidher fl-inventarju anness (Dok G) iżda li ma jistgħux jiġu investigati minni peress li jaqgħu taħt il-preskrizzjoni imposta mill-artikolu 14(1) tal-Kap 570. Fl-istess inventarju jidhru numru ta' rigali ohra ta' natura personali li tħallew mill-Prim Ministru għall-istat.

16. Fil-perjodu li bdiet dina l-investigazzjoni kienu qed isiru numru ta' protesti u dimostrazzjonijiet fit-toroq tal-Belt li wasslu sabiex l-Onor Dr Joseph Muscat iħabbar ir-riżenja mill-kariga ta' Prim Ministru. Din ir-riżenja fil-fatt seħħet fit-13 ta' Jannar 2020, u ġie elett l-Onor Dr Robert Abela bħala Prim Ministru.

---

4 Per eżempju, https://timesofmalta.com/articles/view/yorgen-fenech-gifted-muscat-expensive-wine-at-february-party.759657.

**Proċedura ta' Investigazzjoni**

17. Ktibt lis-Segretarju Permanenti Ewlieni (PPS) fit-3 ta' Jannar 2020 (kopja tal-email annessa u mmarkata Dok Ċ) u tlabtu jgħidli b'mod ġenerali xi kriterji jintużaw sabiex jiġi determinat meta rigali li jingħataw lill-Onor Dr Joseph Muscat jiġux meqjusa bħala personali jew tal-istat; fejn jinżammu u kif jiġu rrekordjati; u jekk teżistix policy in materja. Tlabtu wkoll jgħaddili kopja tal-inventarju tar-rigali u min huwa responsabbli għat-tali inventarju.

18. Din l-informazzjoni ntalbet mhux għall-iskop ta' dina l-investigazzjoni iżda għall-iskop tar-rakkomandazzjonijiet li ser noħroġ dwar l-aċċettazzjoni ta' rigali, kif tenut nagħmel skont l-art 13(1)(g) tal-Kap 570.[5] Qed tissemma' hawn minħabba punt li tqajjem mill-Prim Ministru aktar tard, kif indikat aktar 'il quddiem f'dan ir-rapport.

19. Is-Segretarju Permanenti Ewlieni rrisponda fl-10 ta' Jannar 2020 (kopja tal-email annessa u markata Dokument D). Huwa stqarr li qed tiġi segwita s-sistema li kienet tintuża fi snin preċedenti u li ma ssir ebda distinzjoni bejn Prim Ministru, Ministri jew Segretarji Parlamentari. Qal ukoll li "*Protocol dictates that programmes of official visits would include if that is the case, exchange of gifts. Hence an 'official' gift is clearly determined. There is an administrative procedure which would then include that gift in the inventory of the room in which it is kept or displayed. Inventories are entered into an electronic system governed by the Ministry of Finance as per MF Circular 15/99.*[6] *Personal gifts*

---

5 Art 13(1)(g): "… jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta' kull Kodiċi ta' Etika li jkun japplika għal persuni li jkunu soġġetti għal dan l-Att u b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak stipulat qabel, li jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni ta' rigali".

6 Fil-fatt iċ-ċirkolari hija MF Circular No. 14/99 (mhux 15/99), maħruġa mill-Ministeru tal-Finanzi fl-24 ta' Novembru 1999 u aċċessibbli minn https://treasury.gov.mt/en/Documents/Government_Accounts_Directorate/Accrual_Accounting_Circulars/MF_14-1999,_Government_Accrual_Accounting._Revised_Inventory_Control_Regulations.pdf.

*which are left to the State follow the same procedure. This administration has enhanced the procedure by including the personal gifts in the room inventories. Inventories are signed by both the official responsible for the inventories update and the person responsible for the room or property*."

20. Fl-istess email tqanqlet kwistjoni dwar jekk il-Kummissarju għall-Istandards għandux l-obbligu li qabel ma jiġbor informazzjoni bħal din għandu jinforma lil min qed jiġi investigat.

21. Fl-14 ta' Jannar 2020 ktibt lill-Onor Joseph Muscat (kopja annessa u markata Dokument E) fejn irriferejtu għall-artikoli tal-Kodiċi tal-Etika li jien jidhirli rilevanti u tlabtu għar-reazzjonijiet tiegħu dwar l-allegazzjonijiet in kwistjoni.

22. Huwa irrisponda fil-31 ta'Jannar 2020 (kopja annessa u mmarkata Dokument F) kif ġej:

> *"Nagħmel riferenza għall-email tiegħek tal-14 ta' Jannar 2020 dwar l-investigazzjoni, li intlabt li tagħmel minn Arnold Cassola, dwar rapport fil-media dwar rigal ta' inbejjed li ngħatajt f'għeluq snini.*
>
> *Fir-rapport indikat minn Cassola fl-email tiegħu jiena diġa' weġibt u spjegajt il-pożizzjoni tiegħi. Bħalma l-media irraportat 'ir-rigal' tal-inbejjed, irrapportat ukoll x'għidt jien dwar l-istess każ. Jiena diġa' spjegajt li kont qiegħed naġixxi skont ir-responsabbiltajiet tiegħi bħala Prim Ministru fil-kuntest tal-investigazzjonijiet li kienu u għadhom għaddejjin dwar l-assassinju tas-Sa. Daphne Caruana Galizia. Kull pass li għamilt f'dan ir-rigward, għamiltu bl-għarfien sħiħ tas-servizzi tas-sigurtà fil-pajjiż u fuq gwida tagħhom. Dan għidtu pubblikament.*
>
> *Tant hu hekk li dan ir-'rigal' ma ħadtux u ma użajtux iżda ħallejtu fir-residenza tas-sajf tal-Prim Ministru fil-Girgenti, kif jista' jiġi kkonfermat. Dan kollu ħareġ ukoll fil-media.*

*Niġbed ukoll l-attenzjoni li mill-artikli tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika kkwotat minnek, huwa ċar li ma hemm l-ebda każ ta' kunflitt ta' interess (4.7). Aktar minn hekk, tant kemm il-ġudizzju tiegħi ma kienx kompromess, li d-deċiżjonijiet li ħadt, li numru minnhom diġà jinsabu fid-dominju pubbliku, wasslu għal żviluppi sostanzjali fil-każ tal-assassinju tas-Sa. Daphne Caruana Galizia (5.7 u 8.4).*

*Mhux biss ma ksirt ebda regola ta' imġieba imposta fuq il-kariga ta' Prim Ministru, iżda aġixxejt bir-responsabiltà sħiħa.*

*Nirriafferma dak li diġa' għidt pubblikament, li dak li qed jingħad fuqi dwar rigali li suppost ingħatajt, apparti li mhux korrett, huwa presumibilment intiż biex tinbena narrattiva minn naħa ta' parti involuta fil-kawża għal użu ulterjuri fi stadju ieħor tal-proċess. Nemmen li l-istituzzjonijiet m'għandhomx jippermettu li jiġu wżati biex jissekondaw tali narrattiva għal raġunijiet ta' sustanza u ta' perċezzjoni li huma ovvji.*

*Ma' dan norbot ukoll dak li sar mill-uffiċċju tiegħek meta ntalbet informazzjoni u dokumentazzjoni fuq l-istess każ li dwaru ktibtli din l-email, lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, meta jien kont għadni fil-kariga, mingħajr ma jien kont avżat li kont qed niġi investigat minnek. Wara li nġibdet l-attenzjoni għal dan mis-Segretarju Permanenti Ewlieni inbidlet il-verżjoni tat-talba tiegħek lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Inħoss li dan minnu nnifsu jirriskja li jippreġudika kwalunkwe proċess ġust."*

23. Ħadt nota ta' risposta għall-mistoqsija parlamentari PQ 12669 dwar lista ta' rigali li l-Prim Ministru rċieva mis-sena 2013 sa nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020. Id-dokument fil-format ta' inventarju li hu anness mar-risposta qed jiġi anness ma' dan ir-rapport u mmarkat Dok. G.

24. Nieħu dina l-okkażjoni biex nirrimarka li l-mod kif jinżamm l-inventarju (għallinqas jekk dak anness mal-PQ 12669 jirrifletti l-inventarju formali) ma

jidhirx li huwa konformi ma' dak rikjest mill-Ministeru tal-Finanzi li għandu jiġi notifikat lill-Awditur Ġenerali skont iċ-ċirkolari numru MF 14/99. Fost dak rikjest li ma jidhirx li sar hu li ma hemmx indikat "asset ID"; "asset type"; dept code; data tar-rapport; u firem tal-uffiċjal tal-kamra u tal-uffiċjal responsabbli mill-inventarju.

**Konsiderazzjoni Preliminari**

25. Sar l-argument dwar il-fatt li jiena ktibt lill-PPS u tlabtu informazzjoni dwar il-policy dwar rigali mingħajr ma kont għadni avżajt lill-Prim Ministru li qed jiġi investigat.

26. Tajjeb li nieħu dina l-opportunità sabiex nispjega l-proċedura.

27. Il-proċedura li jidhirli li għandi nsegwi, u l-obbligu tiegħi li ninforma lill-parti investigata, joħroġ mill-paragrafi (2) u (3) tal-art 18 tal-Kap 570, li jgħidu hekk:

> *"(2) Il-Kummissarju jista' jisma' jew jirċievi tagħrif minn dawk il-persuni li jidhirlu xierqa, u jista' jagħmel dawk l-inkjesti li jidhirlu xierqa.*
>
> *(3) Il-Kummissarju ma għandux jagħmel xi sejba jew rakkomandazzjoni dwar persuna li tkun qiegħda tiġi investigata mingħajr ma jkun ta lil dik il-persuna aċċess għall-provi kollha u d-dritt għas-smigħ skont il-prinċipji tas-smigħ xieraq."*

28. Kuntrarjament għal dak li fehmu l-Onor Dr Joseph Muscat u s-Segretarju Permanenti Ewlieni, jiena:

i. m'għandi ebda obbligu ninforma lil min qed jiġi indagat li qed issir investigazzjoni dwaru appena nibda l-investigazzjoni;

ii. m'għandi ebda obbligu li ninforma lil persuni oħra li nitlob informazzjoni mingħandhom li qed ninvestiga lil xi persuna partikolari;

iii. obbligat ninforma persuna indagata bil-fatt li qed tiġi investigata, u nagħtiha aċċess għall-provi kollha u d-dritt għas-smigħ skont il-prinċipji tas-smigħ xieraq, qabel nagħmel xi sejba jew rakkomandazzjoni, u mhux fi stadju preċedenti tal-investigazzjoni tiegħi.

29. Nifhem li għandi l-poter nesiġi informazzjoni minn dawk il-persuni (terzi) li jidhirli xierqa, u nista' nagħmel dawk l-inkjesti li jidhirli xierqa mingħajr ma nagħti sodisfazzjon lit-tali persuni dwar ir-raġuni għalfejn qed nitlob l-informazzjoni.

30. Inoltre, meta nirċievi rapport ġieli niġbor informazzjoni qabel ma formalment nibda investigazzjoni. L-iskop huwa biex jekk minn dak li jirriżulta nsib li ma jkunx hemm lok ta' ftuħ ta' proċedura, ma naħlix riżorsi inutilment.

31. Però l-importanti huwa li jiġi stabbilit li meta nitlob informazzjoni mingħand terzi (inkluz il-PPS), mhux il-każ li għandi ninformahom li qed ninvestiga lil xi ħadd. L-aspettativa li għandi nagħti tali informazzjoni m'għandha ebda bażi fil-loġika jew fil-prattika ta' kif għandhom jitmexxew investigazzjonijiet.

32. Għalhekk filwaqt li naqbel li "*l-istituzzjonijiet m'għandhomx jippermettu li jiġu wżati*" minn min għandu xi interessi ulterjuri, assolutament ma naqbilx li kelli navża lil Dr Muscat qabel ma ktibt lis-Segretarju Permanenti Ewlieni, jew li n-nuqqas ta' tali avviż "*minnu nnifsu jirriskja li jippreġudika kwalunkwe proċess ġust*".

33. Mhux ċar għal liema proċess qed jirreferi l-ex-Prim Ministru għalkemm ma nista naħseb f'ebda proċess li jista' jiġi vizjat minħabba t-talba li għamilt

għal informazzjoni dwar il-proċedura relatata mal-aċċettazzjoni ta' rigali mill-Prim Ministru u jekk teżistix policy dwar din il-materja.

**Konsiderazzjonijiet fil-Meritu**

34. Il-fatt li ngħataw u ġew aċċettati r-rigali konsistenti fi tliet fliexken inbid tal-marka Château Pétrus b'valur komplessiv ta' kważi €6000 fl-okkażjoni ta' għeluq snin il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, ma ġiex kontestat. Anzi, ġie konfermat minnu stess kif ukoll skont ma jidher mid-dokument anness mar-risposta għall-PQ 12669 dawn il-fliexken jinsabu fil-librerija (l-ewwel kamra) fil-palazz tal-Girgenti kif jidher mill-kopja tal-inventarju (Dok G).

35. Dak li jagħti lok għat-tħassib huwa l-fatt tal-valur u tar-relazzjoni bejn id-donatur u min irċieva r-rigal.

36. Kwantu għall-valur biex wieħed japprezza r-rilevanza tajjeb li oltre l-kodiċijiet tal-etika jara d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili[7] fejn wieħed isib li donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku, ħlief għal rigali, "*li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobbli korporali oħra … jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u ċirkostanzi oħra*".

37. Għalhekk il-mistoqsija hija x'inhu "*valur zgħir meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u ċirkostanzi oħra*"?

38. Il-kondizzjoni finanzjarja ta' Yorgen Fenech dak iż-żmien kienet magħrufa. Jiġifieri ma naħsibx li ftit eluf ta' ewro kien ser ikollhom xi impatt fuq il-ġid tiegħu. Min-naħa l-oħra rigal ta' dak il-valur lil persuna li tgħix bil-paga ta' Prim Ministru hija differenti. Għall-Onor Dr Joseph Muscat rigal ta' €6,000 ma jistax jitqies bħala rigal ta' valur żgħir, u għaldaqstant jirrappreżenta ksur *prima*

---

[7] Il-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta, artikolu 1753 (1) u (2).

*facie* tal-artikoli 4.8 u 8.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari.

39. Id-difiża ta' Dr Muscat tikkonsisti essenzjalment fi tliet punti:

i. huwa kien qiegħed jaġixxi bl-għarfien u fuq il-gwida tas-servizzi tas-sigurtà;

ii. ma żammx ir-rigal u ħallieh lill-istat; u

iii. ir-rigal ma kkompromettiex il-ġudizzju tiegħu.

40. Se nindirizza dawn il-punti wieħed wieħed.

*Dr Muscat kien qiegħed jaġixxi fuq il-parir tas-servizzi tas-sigurtà*

41. L-Onor Dr Joseph Muscat isostni fir-risposta tiegħu (Dok F) "*li kont qiegħed naġixxi skont ir-responsabbiltajiet tiegħi bħala Prim Ministru fil-kuntest tal-investigazzjonijiet li kienu u għadhom għaddejjin dwar l-assassinju tas-Sa. Daphne Caruana Galizia. Kull pass li għamilt f'dan ir-rigward, għamiltu bl-għarfien sħiħ tas-servizzi tas-sigurta fil-pajjiż u fuq gwida tagħhom*."

42. Dr Muscat ma jispeċifikax x'parir tawh is-servizzi tas-sigurtà in konnessjoni mal-festin u mar-rigal. Biss, jirreferini għal dak li ġie rapportat mill-midja meta sar magħruf il-każ. Jgħid "*Bħalma l-media irrapportat 'ir-rigal' tal-inbejjed, irrapportat ukoll x'għedt jien dwar l-istess każ*."

43. Il-midja għamlet diversi rapporti relatati ma' dan il-każ.[8] Ir-rapport tat-Times of Malta tas-27 ta' Diċembru 2019, li żvela l-għoti tal-inbejjed, ikkwota

[8] Ara per eżempju https://timesofmalta.com/articles/view/yorgen-fenech-gifted-muscat-expensive-wine-at-february-party.759657; https://www.ramonadepares.com/the-real-story-behind-the-girgenti-invitations/; https://timesofmalta.com/articles/view/yorgen-fenech-muscat-asked-me-if-schembri-was-in-the-recordings.800013; u https://www.independent.com.mt/articles/2019-12-04/local-news/BREAKING-PM-continued-to-text-Yorgen-Fenech-after-consulting-MSS-OPM-6736217036.

"*a spokesman for OPM*" li qal "*the Prime Minister had attended a number of events around the Christmas 2018 period where members of the Fenech family were present. After consultations with the Malta Security Services, it was decided that Yorgen Fenech and Mrs Fenech should not be excluded from the list of invitees for the Prime Minister's birthday party, for which the couple attended briefly*." L-istess rapport jgħid ukoll li "*Sources close to Dr Muscat insisted that the prime minister had been instructed by investigators not to change his behaviour in any way that could tip him* [Yorgen Fenech] *off*".[9] Ġaladarba dan ir-rapport qatt ma ġie miċħud minn Dr Muscat, anzi hu stess qiegħed jirreferini għar-rapporti fil-media, nifhem li għandi nqisu bħala parti mid-difiża tiegħu.

44. Barra minn dan, Dr Muscat innifsu ppubblika stqarrija fuq Facebook fl-20 ta' Ġunju 2020[10] fejn qal: "*Dwar il-'famuż' party tal-Girgenti, diġà għidt li l-istedina ħarġet bi ftehim mas-Servizzi tas-Sigurtà. Ir-raġuni li ħarġet l-istedina hija ovvja u forsi xi darba jkolli l-opportunità nispjegaha għal min forsi għadu ma fehemhiex*."

45. Jidher allura li billi s-Sur Fenech kien persuna ta' interess f'omiċidju, Dr Muscat ħass li kellu qabel xejn jieħu l-awtorizzazzjoni tas-servizzi tas-sigurtà li jaġixxi b'mod normali fil-konfront ta' Yorgen Fenech, qisu biex ma jallarmax lilu jew possibbilment xi mistednin oħra għall-fatt li Fenech kien qed jiġi investigat.

46. Kif diġà għedt, mhux il-kompitu tiegħi li nindaga dwar l-akkużi kriminali kontra Yorgen Fenech, u lanqas m'għandi nindaga dwar jekk hux minnu jew le li s-servizzi tas-sigurtà kienu mgħarrfa li l-Onor Dr Muscat kien ser jistieden lis-Sur Fenech għall-festin. Ir-relevanza ta' dan hu fl-implikazzjoni li toħroġ ċara minnu, jiġifieri li kieku Yorgen Fenech ma kienx persuna ta' interess fl-

---

[9] https://timesofmalta.com/articles/view/yorgen-fenech-gifted-muscat-expensive-wine-at-february-party.759657.

[10] https://www.facebook.com/josephmuscatdotcom/posts/10160150500424741.

investigazzjoni, Dr Muscat kien komdu jistiednu għal festin privat u ristrett u jaċċetta rigali mingħandu minkejja l-fatt li s-Sur Fenech kellu relazzjonijiet kummerċjali mill-qrib mal-Gvern.

47. Għalhekk din id-difiża, kredibbili jew le, li tista' titfa dawl fuq il-komportament tal-Onor Dr Joseph Muscat fil-proċeduri dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, ftit tixhed tajjeb dwar il-komportament tiegħu ma' imprenditur involut b'mod estensiv f'negozju mal-Gvern immexxi mill-Onor. Dr Muscat.

*Dr Muscat ma żammx ir-rigal u ħallieh lill-istat*

48. L-Onor Dr Joseph Muscat stqarr li l-inbid in kwistjoni ħallieh għall-istat, kif jidher ukoll mir-risposta parlamentari nru 12669.

49. Madankollu, huwa ċar li tali rigal kien ta' natura personali u ma kienx intiż li jingħata lill-istat, dan kemm minħabba ċ-ċirkostanza li fih ingħata (festin privat fl-okkażjoni ta' għeluq snin Dr Muscat) kif ukoll mill-fatt li l-annata tat-tliet fliexken kellhom tifsira personali għall-Prim Ministru u mhux għal ħaddieħor. Dr Muscat aċċetta dan ir-rigal bħala individwu u mhux bħala kap tal-Gvern, u b'hekk daħal f'obbligu personali lejn Yorgen Fenech. Il-fatt li Dr Muscat ma żammx ir-rigal u ħallieh fir-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru fil-Girgenti ma jibdel xejn minn dan u huwa, fl-aħjar ipotesi, irrilevanti.

*Ir-rigal ma kkompromettiex il-ġudizzju ta' Dr Muscat*

50. It-tielet difiża tal-Onor Dr Muscat hi li r-rigal ma kkompromettiex il-ġudizzju tiegħu, tant li ħa deċiżjonijiet li "*wasslu għal żviluppi sostanzjali fil-każ tal-assassinju tas-Sa. Daphne Caruana Galizia*".

51. Biex wieħed jevalwa dan l-argument ikun irid jidħol b'mod dettaljat fil-mertu tal-investigazzjoni tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Madankollu, eżerċizzju bħal dan mhux neċessarju għall-finijiet ta' dan ir-

rapport. L-artikolu 4.8 tal-Kodiċi ta’ Etika għall-Ministri jgħid li l-Ministri m’għandhomx jaċċettaw rigali mhux biss jekk ir-rigali jikkompromettu l-ġudizzju tagħhom, iżda anki jekk ir-rigali “*jistgħu raġonevolment joħolqu impressjoni li qed jikkompromettu l-ġudizzju tagħhom*”. L-artikolu 8.4 tal-istess Kodiċi lanqas jidħol fil-mertu dwar jekk rigal jikkompromettix il-ġudizzju tal-Ministru li jirċevih: jgħid biss li Ministru m’għandux jaċċetta rigali li “*jistgħu jpoġġuh taħt obbligazzjoni*”. Jiġifieri m’hemmx għalfejn wieħed isib li xi deċiżjoni attwali kienet kompromessa biex wieħed jikkonkludi li dawn l-artikoli nkisru. Il-perċezzjoni hija biżżejjed.

52. Infakkar li hemm kontroversja dwar kemm il-ftehim tal-Electrogas jirrappreżenta valur għat-taxpayers Maltin anki jekk wieħed jinjora l-akkużi dwar korruzzjoni. Hemm ukoll kontroversja dwar il-bdil fil-pjan lokali sabiex konsorzju li jinkludi l-kumpanija ta’ Yorgen Fenech ikun jista’ jibni bini għoli fl-Imrieħel. Miniex ngħaddi ġudizzju dwar dawn il-każi: qed insemmihom biex nuri kemm hu faċli li jqumu suspetti li imprendituri kbar qed jeżerċitaw influwenza mhix xierqa, anki jekk wieħed ma jagħtix każ l-allegazzjonijiet ta’ natura kriminali li speċifikament jikkonċernaw lil Yorgen Fenech, u kemm hu importanti li l-Prim Ministru u l-Ministri dejjem iżommu distanza soċjali xierqa minn tali persuni. Din hi r-raġuni għalfejn l-artikoli 4.8 u 8.4 tal-Kodiċi relevanti jenfasizzaw il-perċezzjoni.

53. Bl-istess mod, ġaladarba Ministru, jew il-Prim Ministru, huwa f’pożizzjoni li jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-interessi ta’ persuni li jkun irċieva rigal sostanzjali mingħandhom, ikun f’konflitt ta’ interess fir-rigward ta’ dawk il-persuni. Għall-finijiet tal-artikoli 4.7 u 5.7 tal-Kodiċi, m’hemmx għalfejn jiġi pprovat li xi deċiżjoni partikolari kienet attwalment kompromessa.

54. Dan il-każ jirrappreżenta wkoll ksur *prima facie* tal-artikolu 5.9, li jobbliga lil kull Ministru li jagħti eżempju fit-tħaddin tal-valuri inkorporati fil-Kodiċi ta’ Etika. Dan l-obbligu huwa partikolarment importanti fil-każ tal-Prim Ministru,

li għandu jagħti eżempju lill-Ministri u jista' jieħu azzjoni jekk xi Ministru jġib ruħu b'mod li jikser il-Kodiċi.

55. Infakkar ukoll li f'amministrazzjoni preċedenti kienu saru akkużi serji u validi minn Dr Muscat, dak iż-żmien Kap tal-Oppożizzjoni, kontra Ministru li siefer fuq ajruplan privat (inċidentalment propjetà tal-istess kumpanija ta' Yorgen Fenech, li dak iż-żmien ukoll kellha relazzjonijiet kummerċjali kbar mal-Gvern) biex mar jara logħba futbol, u f'okkażjoni oħra li l-istess Ministru aċċetta rigal ta' "arloġġ tal-lira" ta' valur relattivament żgħir mingħand persuna li wkoll kellha relazzjonijiet kummerċjali ma' entità li kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' dak il-Ministru. U sewwa sar, għaliex mhux sew etikament li Ministru jaċċetta ospitalità, rigali jew benefiċċji oħra mingħand persuna li jkollha relazzjonijiet kummerċjali u interessi mal-Gvern. Għalhekk speċjalment wara dik l-esperjenza l-Prim Ministru messu wera aktar għaqal meta stieden hu stess lil Yorgen Fenech għal festin privat u ristrett u aċċetta rigali mingħandu.

**Konklużjoni**

56. Għalhekk fil-fehma tiegħi, l-aġir allegat, li jifforma l-qofol ta' dan ir-rapport, għar-raġunijiet fuq elenkati, jikkostitwixxi ksur *prima facie* tas-segwenti dispożizzjonijiet tal-kodiċijiet tal-etika:

> *"4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali."*
>
> *"4.8 Il-Ministri m'għandhom jaċċettaw ebda rigali jew benefiċċji, salv kif provdut f'dan il-Kodiċi, li jistgħu jew jistgħu raġonevolment joħolqu impressjoni li qed jikkompromettu l-ġudizzju tagħhom jew li jpoġġuhom taħt xi obbligazzjoni mhux xierqa."*

*"5.7 Onestà – il-Ministri għandhom jevitaw li jidħlu f'konflitti ta' interess bejn l-interess pubbliku u dak privat tagħhom u għandhom jagħtu informazzjoni sħiħa u korretta lill-Parlament, lill-Kabinett u lill-pubbliku inġenerali."*

*"5.9 Tmexxija – il-Ministri għandhom iħaddnu u jkunu ispirati minn dawn il-valuri biex b'hekk imexxu bl-eżempju."*

*"8.4 Ebda Ministru m'għandu jaċċetta rigali, donazzjonijiet, ospitalità jew servizzi mingħand xi ħadd, li jistgħu jpoġġuh taħt obbligazzjoni lejn dik il-persuna jew persuni u dan għandu wkoll japplika għall-membri tal-familja immedjata tal-Ministru. F'każ ta' dubju għandu jiġi kkonsultat il-Prim Ministru."*

57. Dan ir-rapport qed jiġi mgħoddi lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont kif maħsub fl-artikolu 22(1)(b) tal-Kap 570 għal kwalsiasi azzjoni li jidhirlu xieraq ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 570. Skont il-proċedura miftehma fil-Kumitat fit-2 ta' April 2019, jiena miniex se nippubblika dan ir-rapport iżda se ninforma lill-Prof Cassola u lill-Onor Dr Joseph Muscat li jiena ppreżentajt ir-rapport lill-Kumitat. Il-Kumitat jiddeċiedi hu meta għandu jirrilaxxa dan ir-rapport.

**Dr George Marius Hyzler**

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

## Dokumenti Mehmuża

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email tas-27 ta' Diċembru 2019 mingħand il-Prof Arnold Cassola. |
| Dokument B | Email oħra tas-27 ta' Diċembru 2019 mingħand il-Prof Arnold Cassola, li tinkludi email bl-istess data lill-Kummissjoni Kontra l-Inġustizzji. |
| Dokument Ċ | Email tat-3 ta' Jannar 2020 lis-Segretarju Permanenti Ewlieni. |
| Dokument D | Risposta tal-10 ta' Jannar 2020 tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. |
| Dokument E | Ittra lill-Onor Dr Joseph Muscat datata 14 ta' Jannar 2020. |
| Dokument F | Risposta tal-31 ta' Jannar 2020 tal-Onor Dr Joseph Muscat. |
| Dokument G | Dokument anness mar-risposta għad-domanda parlamentari nru 12669, kif mogħtija fit-3 ta' Frar 2020. |

DOKUMENT A

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com> |
| **Sent:** | Friday, 27 December 2019 08:02 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Yorgen Fenech gifted Muscat expensive wine at February party |

Ghaziz Kummissarju Hyzler,

F'ilment precedenti li jien kont ghamilt mieghek, int kont ikkonkludejt li din l-festa privata fil-Girgenti ma kenitx tikkostitwixxi ksur ta' etika.

Issa qed johrog li f'dan il-festin privat fil-proprjeta' tal-istat, il-Prim Ministru nghata rigal ta' imbejjed li jiswew 5800euro (ara link) minn Yorgen Fenech, li sena qabel kien ikkummissjona l-assassinju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia.

Naf li ser tghidli li d-data tal-festin u tar-rigali kienet 8 xhur qabel il-hatra tieghek.

Madankollu, nahseb li l-gravita' tal-fatti timmerita investigazzjoni serja.

Inselli ghalik,

Arnold Cassola

https://timesofmalta.com/articles/view/yorgen-fenech-gifted-muscat-expensive-wine-at-february-party.759657

DOKUMENT B

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

**From:** Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com>
**Sent:** Friday, 27 December 2019 08:53
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Fwd: cassola corrigendum

Fil-fatt, ir-rigal inghata fi Frar ta' din is-ena 2019, jigifieri: Donazzjoni ta' 3 fliexken inbid tal-valur ta' 5800 ewro fi Frar ta' 2019, jigifieri sentejn wara li s-Sur Yorgen Fenech kien ikkummissjona l-assassinju ta-Sinjura Daphne Caruana Galizia u almenu 8 xhur wara li l-Prim Ministru kien jaf li Fenech kien wiehed mis-suspettati.

Dana ghalhekk jaqa' taht irremit tal-Kummissarju.

Tislijiet,

Arnold Cassola

---------- Forwarded message ---------
From: **Arnold Cassola** <arnoldcassola@gmail.com>
Date: Fri, 27 Dec 2019, 14:28
Subject:
To: Claire Bonello <drcbonello@gmail.com>

Lill-President
Kummissjoni kontra l-Ingustizzji

Sur President,

Qieghed nitolbok tindaga zewg donazzjonijiet li s-Sur Yorgen Fenech ghamel lill-Prim Ministru disgrazzjat ta' Malta, Joseph Muscat.

